MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**VICTOR J. CARUANA COLOMBO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2000

**Austin Borg**
vs
**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Austin Borg li jghid hekk:

"Illi l-esponent kien intavola rikors fejn ippremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, huwa kien jahdem ma l-AFM fis-sezzjoni tan-nar (fire section);

Illi minhabba mard l-esponent talab illi jigi trasferit f'unit iehor fl-istess armata;

Illi r-risposta min-naha ta' l-armata kienet illi huwa ma setax jigi trasferit fl-armata stess, izda minflok gie trasferit fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn minhabba dan huwa

tilef kull opportunita illi jinghata promotion u allowances fi hdan l-armata;

Illi l-esponent hass illi huwa gie diskriminat minhabba t-twemmin politiku tieghu u ghalhekk talab rimedju minghand it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji skond l-Att ta' l-1997;

Illi t-Tribunal b'decizjoni tieghu datata 12 ta' Jannar 2000 cahad l-ilment ta' l-esponent.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bl-imsemmija tat-Tribunal data 12 ta' Jannar 2000 u huwa jissottometti illi jezistu ragunijiet sufficjenti ghal ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghax is-sentenza applikat il-ligi hazin fit-termini tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12.

Dwar l-Artikolu 811(e) jinghad is-segwenti:

Illi jidher bic-car illi t-Tribunal ma dahalx fil-kwistjoni ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li jirrikjedi l-Att ta' l-1997 u qabdet u iddecidiet abbazi ta' cirkolari minghajr ma applikat din id-dipozizzjoni tal-ligi u dahlet fil-mertu jew fil-fatt kienx hemm trattament inugwali bejn l-esponent u dan Stephen Farrugia.

Illi fir-risposta tieghu il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ghamel riferenza u esebixxa cirkolari numru 21/85 fejn jinghad is-segwenti:

"*Successful candidates joining the Task Force as Gunners will not be entitled to transfer to other Corps, units or sections of the Task Force.... An individual so transferred will not be eligible for further promotion within the corps or unit to which he has been transferred."*

Illi l-esponent fl-ebda stadju tal-proceduri ma ikkontesta li kien hemm din ic-Cirkolari, izda illi kien hemm persuna ohra certa Stephen Farrugia li ghalkemm din kienet fl-istess cirkostanzi bhalu hadet transfers fi hdan l-armata u ghalhekk setghet tgawdi minn dak kollu li dan iggib mieghu.

Illi fl-istess xhieda tal-Maggur Pantalleresco (vide a folio 45 tal-process) li sar accenn ghaliha fl-istess decizjoni, dan xehed is-segwenti:

*“..... gunner Stephen Farrugia kien gie trasferit mill-Fire Section ghall-habta ta’ l-1981, 1982 fil-kaz ta’ li kien transferred ghas-section tal-communications mal-AFM.”*

Illi x-xhud Lt Col Schembri (vide a folio 48 tal-process) iddepona wkoll fuq il-kwistjoni ta’ gunner Stephen Farrugia. Lt Col Schembri spjega u pprova jiggustifika l-posizzjoni ta’ l-Armata billi sostna li dan Stephen Farrugia ma kienx gie transferred b’mod semplici u in sostenn ipprezenta cirkolari apposita OPM 17/83 markata Dok MS4.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghan-nota illi huwa kien ipprezenta quddiem it-Tribunal, precisament ghad-dokument MS1 li juri l-kundizzjonijiet li bihom kienu jidhlu bhala firemen. Mhux lanqas dibattut li dawn kienu l-istess kundizzjonijiet li kienu japplikaw mutatis mutandis ghal gunner Stephen Farrugia . Tant li kif ghadu kif gie rilevat Lt Col Schembri pprova jiggustifika c-cirkostanzi partikolari kif dan spicca transferred f’dipartiment iehor. F’din il-klawsola nsibu zewg konsiderazzjonijiet:

(i) li l-firemen ma kienux intitolati li jgu trasferiti ghal units ohra fl-armata

(ii) ta importanza insibu pero is-segwenti “However where it is desirable in the public interest, that a person should no longer be employed, temporarily or permanently, on Fire Service duties he may be transferred to another corps or unit in the Task Force and individuals so transferred shall not be eligible for further promotions.”

Illi ssir riferenza ghal folio 55 tal-process, cirkolari OPM 17/83. Mhux kontestat li dan id-dokument jipprovdi ghal ingagg dirett fit-task force.

Illi madankollu pero dan ma kienx ifisser li l-firemen kollha setghu juzufruixxu ruhhom minn tali okkazjoni ghax inkella d-Dokument MS1 kienet tkun a dead letter. Gunner Stephen Farrugia kien gja fl-Armata u kien fireman. Minhabba dan l-istat ta’ fatt allura kien awtomatikament jiskatta dak provdut fi klawsola 6. Jekk allura kien rikjest ghall-esigenza tal-Armata li dan Gunner Farrugia kien jibda jahdem fid-Dipartiment tat-Telecommunications tal-l-istess armata dan seta jsir, pero dan Farrugia mbaghad ma kienx ikun eligibbli ghal aktar promozzjonijiet.

Illi pero l-manuvra tidher cara u mahsuba. Bil-mod li dan Farrugia spicca mill-Fire section ghat-Telecommunications Section seta’ jgawdi mill-promozzjonijiet kollha li bdew jinghataw. Fil-fatt issir referenza ghad-dokument a folio 57 minn fejn jirrizultaw iz-zewg promozzjonijiet li ha dan Stephen Farrugia.

Illi allura jidher car li almenu sal-grad ta’ probabilita ir-rikorrent irnexxilu jipprova trattament distintiv fil-konfront tieghu.

Illi t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu solament fuq l-imsemmija cirkolari minghajr ma dahal f’dettal dwar presuna ohra illi kienet fl-istess cirkostanzi ta’ l-esponent izda li nghatat transfer fi hdan l-istess Armata.

Illi ghalhekk fid-decizzjoni tieghu, it-Tribunal applika l-Artikolu 6 ta’ l-Att ta’ l-1997 hazin.

Illi l-esponent ghalhekk jissottometti illi d-decizjoni tat-Tribunal li fiha bl-ebda mod ma gie investit dan il-punt jisthoqqilha li tigi annullata abbazi ta’ l-imsemmi Artikolu 811(e).

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u li jirriserva li jgib dawk il-provi l-ohra premessi skond il-ligi jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti u joghgobha ghar-ragunijiet premessi u in vista ta’ l-Artikoli citati tordna, wara li qabel xejn thassar d-decizzjoni taghha datata 12 ta’ Jannar 2000 fl-ismijiet premessi, illi l-istess kawza tigi ritrattata. Bl-ispejjez.”

Ra r-risposta ta’ l-intimat Kap Kmandant tal-Forzi Armati li tghid hekk:

“Illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fit-12 ta’ Jannar 2000 fl-ismijiet fuq premessi hija gusta u timmerita li tigi ikkonfermata u ma saret l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi u dan a tenur ta’ l-artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi r-rikorrent Austin Borg, fir-rikors ghal ritrattazzjoni tad-decizjoni fuq indikata ma jaghmel xejn hlief li jikkritika l-evalwazzjoni tal-fatti maghmula mit-Tribunal. Dan zgur li ma jikkwalifikax bhala wiehed mir-ragunijiet ghalfejn ghandu jkun hemm ritrattazzjoni tal-kaz de quo. Aktar u aktar ma japplikax taht l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi r-rimedju ta’ ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju inkwantu jikkostitwixxi deroga tal-principju li sentenza li saret res judicata ghandha il-forza ta’ ligi bejn il-kontendenti. Rimedju ta’ din ix-xorta ghandu jigi nterpretat b’mod restrittiv u ma jistax jigi nvokat jekk mhux fil-kazijiet specifici elenkati fil-ligi.

Illi l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi:

(e) “jekk is-sentenza tkun applikat ligi hazina. Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizzjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizzjoni.”

Illi ghalhekk il-ligi espressament tipprevedi u l-gurisprudenza hi konkordi li ma jistax ikun hemm kontestazzjoni ta’ interpretazzjoni ta’ dritt espressa mill-Qorti fis-sentenza mpunjata sakemm dik il-Qorti tkun applikat ghall-fatti, kif jirrizultaw provati, il-ligi li kienet applikabbli u mhux ligi zbaljata. “Il-ligi tghid li ma jkunx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta tkun qamet

kwistjoni dwar interpretazzjoni tal-ligi li trid tigi applikata u l-Qorti tkun espressament tat decizzjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni" (Caruna vs Gerada deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 1969).

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet Vincenza Mifsud et noe vs John Mary sive James Grech deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 qalet illi:

"Non e'ammissibile la ritrattazzione per mala applicazione di legge quando la Corte, ragionando sul fatto dedotto ed interpretando una disposizione di legge, applica o dichiara non applicabile quella disposizione, mentre l'istante per la ritrattazzione sottomette l'inapplicabilita o la confacenza al caso della medesima disposizione di legge" (Vol. XXVIII, P.I., p 636)"

"Ir-rikorrenti qeghdha ssostni li hi l-konvizjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet tajba b'mod hazin." (Vol. LXXVI, P.II, p.196)

Illi minn qari tar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Austin Borg din l-Onorabbli Qorti ghandha tasal ghall-konkluzzjoni illi r-ritrattand f'din il-procedura qed jittratta mill-gdid il-punt krucjali tal-kontestazzjoni tieghu kif sottomess quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Illi t-Tribunal kien konvint mill-evalwazzjoni tal-fatti maghmula u ghamel evalwazzjoni tal-provi korretta, u li ma ghamel l-ebda apprezzament hazin tal-ligi. Illi bir-rispett kollu mhux konsentit lil din l-Onorabbli Qorti illi b'xi mod tissindika f'dan l-istadju. Dan propju ghaliex il-ligi espressament tipprovdi illi in sete ta' ritrattazzjoni, wiehed kellu jiehu l-fatti kif irrizultaw lill-Qorti bhala provati. Infatti fil-kaz ta' ritrattazzjoni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ritrattazzjoni, ma kienux aktar sindakabbli.

Illi s-sottomissjonijiet tar-rikorrent Austin Borg illi t-Tribunal applika l-artikolu 6 ta’ l-Att numru VIII ta’ l-1997 hazin ma tistax tigi kwalifikata hlief bhala kritika ta’ l-ezercizzju interpretattiv fis-sentenza mpunjata li certament bl-ebda mod ma jintitolaw lir-rikorrent li jkollu l-kawza mismugha mill-gdid. Dan ghaliex tali ezercizzju kien sempliciment jimporta trattazzjoni mill-gdid ta’ dak kollu li kie gie gia sottomess lit-Tribunal li kien gie minnu konsidrat u li gie minnu deciz.

Illi kin inhu risaput m’hemmx ghalfejn jinghad li l-konsiderandi fis-sentenza ma jehtiex li jkunu esplicitament jelaboraw kull punt sottomess mill-partijiet.

Illi finalment dwar “Ipotesi ta’ applikazzjoni hazina ta’ ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa u cara u mhux soggetta ghal interpretazzjoni ratiocinji jew argumenti.” (Aquilina vs Aquilina, Vol XLII, P.I., p227). Illi l-vjolazzjoni manifesta ta’ ligi espressa trid tigi riskontrata fit-termini precizi tas-subinciz (e) ta’ l-artikolu 811 u ma tistax titqies, kif donnu qed iqisha r-ritrattand, bhala xi gravan jew raguni gdida, addizzjonali, biex tintalab ritrattazzjoni taht dan is-subinciz.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u ghar-ragunijiet ohra li huwa jista jgib skond il-ligi, jitlob bir-rispett illi r-rikorsipprezentat mir-rikorrent Austin Borg jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu.”

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-rikors numru 61/97 fl-ismijiet premessi deciz minn dan it-Tribunal fit-12 ta’ Jannar 2000, ezamina s-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati maghmulin oralment u permezz tan-noti taghhom, u jikkonsidra illi:

1. Bir-rikors imsemmi numru 61/97 ir-rikorrent ippremetta bhala fatti li bejn Mejju 1987 u Mejju 1995 huwa kien jahdem mal-Forzi Armati ta’ Malta (AFM) fil-fire section. Fl-1989 huwa marad u t-tabib tieghu irrilaxxjalu certifikat fis-sens li huwa kellu jigi trasferit f’unit iehor fl-AFM. Ir-rikorrent allura talab li jigi mibghut f’xi settur iehor

ta' l-armata bhal cleaner bl-uniformi jew messaggier bl-uniformi. Biss ir-risposta li ha kienet li ma satax jigi trasferit internament peress li l-gurament tieghu kien ighodd biss ghall-fire section fl-airport. Fil-fatt ir-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, u b'hekk tilef kull opportunita' ghal promozzjoni u allowances. Ir-rikorrent, fl-ewwel rikors tieghu, kompla jippremetti li fl-1981 certu Farrugia, li bhar-rikorrent kien fil-fire section ta' l-AFM, kien gie moghti transfer intern u mill-ewwel kien gie moghti promozzjoni. Ir-rikorrent ghalhekk issottometta li kienet saret ingustizzja fil-konfront tieghu anke minhabba t-twemmin politiku tieghu, u talab lit-Tribunal jiddecidi dwar l-ilment tieghu skond il-ligi.

2. Bid-decizjoni tat-12 ta' Jannar 2000 dan it-Tribunal cahad it-talba tar-rikorrent. Dan in segwitu pproceda bit-talba odjerna ghar-ritrattazzjoni tal-kawza precedenti a bazi ta' l-artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet, jigifieri fuq il-motiv li d-decizjoni applikat il-ligi hazin. Di fatti r-rikorrent jissottometti li t-Tribunal kien tenut bil-ligi li jiddecidi l-ewwel kawza billi japplika l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997, mentri li fil-fatt dan l-artikolu t-Tribunal ma applikahx.

3. L-artikolu 6 msemmi jistabilixxi l-funzjoni ta' dan it-Tribunal, cioe li "jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin: ...(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi ..."

4. Ir-rikorrent jissottometti li fid-decizjoni impunjata it-Tribunal "ma applikax l-artikolu in disamina, u ma ghamilx dak l-ezercizzju li huwa rikjest mil-ligi li stabiliet l-istess Tribunal." (Ara n-nota tar-rikorrent tas-17 ta' Mejju 2000.) Di fatti r-rikorrent jippremetti fir-rikors odjern li "jidher bic-car illi t-Tribunal ma dahalx fil-kwistjoni ta' distinzjoni, eskluzjoni jew peferenza indebita li jirrikjedi l-Att ta' l-1997,

u qabdet u iddecidiet a bazi ta' cirkolari minghajr ma applikat din id-dispozizzjoni tal-ligi u dahlet fil-meritu jew fil-fatt kienx hemm trattament inugwali bejn l-esponent u dan Stephen Farrugia.”

5. Kuntrarjament ghal din is-sottomissjoni tar-rikorrent, fid-decizjoni tieghu tat-12 ta' Jannar 2000 it-Tribunal effettivament dahal fil-materja stabbilita fl-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997. Di fatti din id-decizjoni tghid, fost hwejjeg ohra: “Semma li Stephen Farrugia imsemmi mir-rikorrent fil-fatt ma kienx gie transferred b'mod semplici minn fireman ghall-armata izda dan kien in segwitu ta' applikazzjoni li kien ghamel ghat-Task Force telecommunications branch. Kienet harget OPM Circular 17/83 li kienet tippermetti dan. Ikkunsidra r-rikorrent ma ipprova ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih. Hu sostna li saret ingustizzja mieghu meta minhabba ragunijiet ta' sahha talab li jigi trasferit f'settur iehor ta' l-Armata u dan ma sarx u gie trasferit ghad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn tilef l-opportunita' ghall-promotions u allowances. Izda mic-cirkolari 21/85 (esibita a fol 51) jidher car li fl-artikolu 6 jghid: ‘Successful candidates joining the Task Force as Gunners will not be entitled to transfer to other Corps, units or sections of the Task Force....An individual so transferred will not be eligible for further promotion within the corps or unit to which he has been transferred.'” Imbaghad id-decizjoni tikkonkludi: “Minn dan jidher car kemm l-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi milqugh.”

6. L-ilment tar-rikorrent avanzat bir-rikors originali tieghu kien li hu gie indebitament trattat b'mod divers minn dak li bih kien gie trattat Stephen Farrugia, u b'hekk ir-rikorrent garrab ingustizzja billi ma akkwistax il-vantaggi li kien akkwista Farrugia. Il-bran hawn fuq citat (fil-paragrafu 5) mid-decizjoni impunjata jindika kjarament li t-Tribunal f'dik id-decizjoni ezamina l-provi fil-kontest ta' l-ilment tar-rikorrent, u kkonkluda li r-rikorrent ma kien garrab ebda ingustizzja kontemplata fl-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997. B'hekk it-Tribunal applika l-artikolu msemmi u esegwixxa l-funzjoni tieghu skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba tar-rikorrent ghar-revoka tad-decizjoni msemmija tat-12 ta’ Jannar 2000 fl-ismijiet premessi u ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Imhallef Victor Caruana Colombo LL.D.
Margaret Richards
President
Dep. Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------